Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

Il-Pulizija
[Spettur Audrey Micallef]

vs

Asen Asenov Aleksandrov

Kumpilazzjoni Numru: 625/2020

Illum, 22 ta' Frar, 2021

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra Asen Asenov Aleksandrov detentur tal-karta tal-identita` numru 0077604A u passaport numru 383459081 akkuzat tallli nhar is-16 ta' Novembru 2020 gewwa San Pawl il-Bahar:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Savina Asenova Aleksandrova f'periklu car, volonarjament ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura hafifa

fuq il-mara tieghu li tigi omm it-tfal tieghu Jasen, Yuri, Alexander u Elisaveta hekk kif iccertifikaha Dr. Christian Bonello MD (Med Reg 4549) mic-Centru tas-Sahha tal-Mosta, u dan bi ksur ta' Art. 214, Art. 221(1), Art. 222(1)(a) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

2. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Yuri Asenov Aleksandrov f'periklu car, volontarjament ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura hafifa fuq it-tifel tieghu Yuri Asenov Aleksandrov hekk kif iccertifikah Dr. Christian Bonello MD (Med Reg 4549) mic-Centru tas-Sahha tal-Mosta, u dan bi ksur ta' Art. 214, Art. 221(1), Art. 222(1)(a), Art. 202(h)(viii)(v)(vii) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

3. Hebb ghal Savina Asenova Aleksandrova sabiex jingurjaha, idejjaqha jew jaghmlilha hsara b'xi mod u dan bi ksur ta' Art. 339(1)(d) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor lil Savina Asenova Aleksandrova u dan bi ksur ta' Art. 339(1)(e) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra Asen Asenov Aleksandrov a beneficcju ta' Savina Asenova Aleksandrova u l-familjari taghha u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba f'kaz ta' htija, biex tipprovdi ghall-persuni ta' Savina Asenova Aleksandrova u l-familjari taghha jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil Asen Asenov Aleksandrov b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija, minbarra li tinflingi l-piena stabbiliti mil-ligi, tordna lill-imsemmi Asen Asenov Aleksandrov sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-

esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fil-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti;

Innutat li fil-verbal tas-seduta tal-lum il-parte civile Savina Asenova Aleksandrova iddikjarat li qieghda tirrinunzja ghal dak li hu rinunzjabbli, hafret lir-ragel taghha u ddikjarat ukoll li ma xtaqitx tixhed f'dawn il-proceduri.

Ghaldaqstant, fuq nuqqas ta' provi l-Qorti ma ssibx lill-imputat Asen Asenov Aleksandrov hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u minnhom tilliberah.

________________________________________

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**